MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Appell Civili Numru. 39/2003

**Anthony Galea**

**vs**

**Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp u Mario Fenech**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Mario Fenech datat 13 ta' Novembru 2003 a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi Marbeaux Holding Ltd. ottjeniet permess, ossija *"sanctioning"* ta' struttura ezistenti, minghand il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp (DCC), liema permess inhareg fl-14 ta' Novembru 2001, ghar-rigward l-istruttura li tezisti fis-*side curtilage* tas-sit in kwistjoni.

Illi Anthony Galea oppona ghal dan il-permess u pprezenta talba ghal quddiem il-Bord ta' l-Appelli fejn sostna li l-istruttura in kwistjoni hija mibnija rregolarment u talab li tigi totalment imnehhija.

Illi b'decizjoni tal-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar moghtija fil-31 t'Ottubru 2003, il-Bord iddecieda billi rrevoka l-permess mahrug mid-DCC *"fl-14 ta' Novembru 2002 lil Mario Fenech"* u ordna r-rifusjoni tal-penali li l-istess Mario Fenech seta' hallas biex inhariglu l-permess, liema permess gie rtirat b'din id-decizjoni u dderigiet lill-Awtorita' biex tiehu passi ta' twettiq fil-konfront ta' l-applikant Mario Fenech sabiex l-istruttura li huwa ghandu fis-*side curtilage* titnehha.

Illi l-esponenti hass ruhu aggravat minn dina s-sentenza u minnha qed jinterponi Appell ghal quddiem dina l-Onorabbli Qorti.

Illi l-aggravju car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:-

Illi *in linea* preliminari, l-esponenti jeccepixxi n-nullita' u l-inzegwibilita' tas-sentenza billi kif jidher mill-istess sentenza, id-decizjoni hija fil-konfront ta' Mario Fenech personalment, mentri mill-atti jirrizulta li l-permess mertu tal-kaz inhareg f'isem u favur "Marbeaux Holdings Ltd." u Mario Fenech kien jidher biss fil-kapacita' tieghu ta' Direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta' Marbeaux Holdings Ltd. kif jidher ukoll mir-rikjesta ghar-rikonsiderazzjoni datata 30 t'Awissu 2000 u sahansitra maghmula fuq *letterhead* ta' l-istess socjeta' Marbeaux Holdings Ltd.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, id-decizjoni hija erronea billi hija bbazata fuq binarju legali hazin. Minn ezami tal-permess jirrizulta li l-istruttura ezistenti giet sanzjonata u deskritta bhala *garage*. Illi fl-appell minnu ntavolat, Anthony Galea sostna li l-istruttura ma hijiex *garage* u / jew li mhux qed tintuza bhala *garage.*

Illi l-esponenti ma jaqbilx ma' tali allegazzjonijiet *da parte* ta' Anthony Galea billi fl-istadju ta' rikonsiderazzjoni l-membri tad-DCC kienu accedew darbtejn fuq il-post in kwistjoni (u dana billi l-applikazzjoni saret *"to sanction building as built up"*) u fl-opinjoni taghhom dehrilhom li l-istruttura kienet konformi mal-kundizzjonijiet imposti minnha meta effettivament harget il-permess.

Illi l-Bord ta' l-Appelli, jekk kien ta' l-opinjoni li l-istruttura ma hijiex qed tintuza bhala *garage*, allura *se mai* ma tistax tirrevoka l-permess izda biss tordna lill-esponenti u / jew tibda l-proceduri kontra l-istess sabiex igieghel lill-esponenti jikkonforma mal-permess relattiv, billi l-permess *per se* huwa validu u *se mai* jekk ma jikkonformax wara tali ordni jew *enforcement* jista' biss jordna t-twaqqiegh ta' din l-istruttura.

Illi ghaldaqstant filwaqt li jaghmel referenza ghall-provi prodotti u filwaqt li jirriserva li jipproduci dawk il-provi li huma permessi mill-ligi, jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara bhala nulla u minghajr effett id-decizjoni moghtija mill-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar fil-kwistjoni fl-ismijiet premessi ghar-ragunijiet esposti u / jew tirrevoka l-istess sentenza ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez kontra l-istess appellanti.

Rat id-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 18 tal-process;

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar datata 18 ta' Dicembru 2003 fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-*file* tal-Bord ta' l-Appell fl-ismijiet **"Anthony Galea vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp u Mario Fenech"** deciz mill-istess Bord.

Rat ir-risposta ta' Anthony Galea datata 16 ta' Jannar 2004, a fol. 24 tal-process fejn espona bir-rispett:-

Illi l-ewwel lanjanza ta' l-appellant Mario Fenech, viz. illi s-sentenza hij nulla billi nghatat kontra Mario Fenech u mhux kontra Marbeaux Holdings Limited ghandha tigi michuda billi:-

a. Fl-ewwel lok, din mhijiex kwistjoni ta’ dritt deciza mill-Bord ta’ l-Appell fid-decizjoni taghha, kif irid l-**artikolu 15 (2) tal-Kap 356** ir-risposta ta’ l-appellat Mario Fenech datat 19 t’April 2002 (Dok “A”) fl-atti quddiem il-Bord ta’ l-Appell ta’ l-Ippjanar, imkien ma jsemmi li qieghed sollevat il-punt sollevat f’dan l-appell.

b. Id-decizjoni ttiehdet mhux biss kontra Mario Fenech, izda wkoll – anzi principalment – kontra l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp. Mario Fenech huwa ncidentali f’dawn il-proceduri. L-appell tat-terz (Anthony Galea) quddiem il-Bord ta’ l-Appell ta’ l-Ippjanar huwa fil-konfront tad-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp.

Illi t-tieni lanjanza ghandha tigi michuda wkoll, billi l-interpretazzjoni moghtija lid-DC 1/88 u 1/2000 mill-Bord ta’ l-Appell ta’ l-Ippjanar hija gusta u timmerita li tigi konfermata. Fi ftit kliem, il-ligi eccezzjonalment tippermetti illi jsir garaxx fis-*side curtilage*, izda fil-kaz ta’ l-istruttura mertu ta’ dan il-kaz m’hemmx access ghal karozza u l-istruttura tintuza in parti bhala kamra tal-banju u in parti bhala ufficcju.

Illi daqstant ghandu x’jissottmetti l-esponent ghall-gudizzju savju u superjuri ta’ din l-Onorabbli Qorti.

Rat il-verbal tad-9 ta’ Gunju 2004.

Rat ir-risposta tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp datata 10 ta’ Gunju 2004, a fol. 27 tal-process fejn esponiet bir-rispett:-

Illi l-ewwel kawzali tar-rikors ta’ l-appell interpost mill-appellanti huwa bbazat fuq il-fatt illi l-Bord ta’ l-Appelli dwar l-Ippjanar indika fl-okkju tieghu lil Mario Fenech fil-kapacita’ tieghu minflok fil-kapacita’ rapprezentattiva ghan-nom tas-socjeta’ Marbeaux Holdings Limited. Illi in vista ta’ dan, l-appellant qieghed jitlob li dina l-Onorabbli Qorti ghandha tannulla d-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell u tirrinvija l-atti lura lill-istess Bord ta’ l-Appelli.

Illi materja simili giet trattata minn dina l-Onorabbli Qorti fid-decizjoni fl-ismijiet **“Louise Anne Sultana vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp u l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar”** (Appell Nru. 277A/96 deciz fl-14 t’April 1997). Illi f’din id-decizjoni, l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell ikkonkludiet illi:

*“Ladarba d-decizjoni appellata ma gietx ippronunzjata fil-konfront ta’ l-appellant fil-kapacita’ li biha nterponiet l-appell u li biha dehret fil-kawza, cjoe’ ghan-nom ta’ socjeta’ …, allura l-uniku rimedju disponibbli huwa li l-istess decizjoni tigi annullata u l-kaz jintbaghat lura lill-imsemmi Bord sabiex jirregola ruhu.”*

Illi in sostenn ta’ dina d-decizjoni, l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell irreferiet ghad-decizjoni moghtija mill-istess Onorabbli Qorti fl-ismijiet **“Joseph Busuttil vs l-Avukat Dottor John Mamo noe”** (deciza fit-28 ta’ Frar 1997) f’liema decizjoni l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell qalet illi korrezzjoni fl-okkju ta’ decizjoni moghtija mill-Qorti ta’ Prim Istanza kellu jigi kkoregut mill-Qorti ta’ Prim Istanza li tkun tat is-sentenza, u l-**artikolu 175 tal-Kap. 12** ma jaghtix lill-Qorti ta’ l-Appell il-fakolta’ li taghmel din il-korrezzjoni hija stess.

Illi pero’, l-insenjament li johrog mis-sentenzi fuq imsemmija jidher li gie rivedut fid-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet **“Joseph Sant vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp”** (Appell Nru 344A/98 – deciza fit-23 t’April 2001). Illi f’din id-decizjoni, l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell waslet ghall-konkluzjoni li tannulla d-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appelli u tirrinvija l-atti quddiem l-istess Bord *stante*:-

a. Ma kienx hemm qbil bejn il-kontendenti li l-korrezzjoni ssir mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell stess;

b. Il-kwistjoni quddiemha ma kenitx semplici fis-sens li l-okkju kien zbaljat, *stante* li f’parti tal-process kien hemm indikat individwu, f’parti ohra kien indikat l-istess individwu fil-kapacita’ rapprezentattiva u sussegwentement rega’ gie ndikat l-istess individwu, u ghaldaqstant, il-Qorti ta’ l-

Appell qieset li dan ma kienx semplici zball izda l-Bord kellu effettivament jara fil-konfront ta’ min qeghda tittiehed id-decizjoni tieghu stess, kif ukoll id-decizjoni precedenti tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp.

Illi jidher daqstant car illi fejn hemm qbil bejn il-kontendenti li dak kien zball, u fejn jirrizulta b’mod car, bhalma huwa f’dan il-kaz, illi l-izball jista’ facilment jigi ratifikat minn dina l-Onorabbli Qorti, dan l-istess zball, a tenur tal-provvediment ta’ l-**artikolu 175 tal-Kap 12** ghandu jigi ratifikat minn dina l-Onorabbli Qorti, u m’hemmx lok li d-decizjoni tal-Bord tigi annullata u tintbaghat lura quddiem il-Bord ta’ l-Appelli biex issir tali korrezzjoni. Infatti dan gara anke ricentament fejn l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fir-rikors bl-ismijiet **“Kunsill Lokali Kirkop vs l-Avukat Generali et”** (Appell Nru. 4/01 – differit quddiem il-Qorti Kostituzzjonali 9 ta’ Gunju 2003) f’digriet moghti fit-22 ta’ Jannar 2003, hija stess ikkoregiet zball fl-okkju tad-decizjoni ta’ l-Onorabbli Prim’ Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) permezz ta’ liema korrezzjoni ppermettiet li parti li kienet giet kjamata fil-kawza quddiem l-ewwel Qorti u li bi zvista ma gietx indikata fl-okkju tad-decizjoni, giet inkluza fl-istess okkju u fl-atti successivi quddiem l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali.

Illi *oltre* dan, bir-rispett kollu dan il-punt kellu jitqajjem il-Bord ta’ l-Appell *stante* li hawn mhux kaz ta’ semplici zball li hemm fid-decizjoni, izda jidher illi r-referenza lejn Mario Fenech kienet ilha ssir mill-bidu nett tal-proceduri quddiem il-Bord ta’ l-Appelli.

Illi ghaldaqstant filwaqt li jigi registrat qbil min-naha tal-kummissjoni appellanta li tali korrezzjoni, jekk ikun il-kaz, ghandha ssir minn dina l-Onorabbli Qorti, l-istess Kummissjoni bir-rispett tissottometti, li anke biex jigu evitati proceduri inutili, dina l-Onorabbli Qorti ghandha tapplika l-provvedimenti ta’ l-**artikolu 175 tal-Kap 12** u tikkoregi l-atti hija stess. Certament illi l-Kummissjoni appellata m’ghandhiex tehel bl-ebda mill-ispejjez ta’ dan.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u jekk ikun il-kaz din l-Onorabbli Qorti ma takkoljix it-tezi hawn fuq esposta,

din l-Onorabbli Qorti ghandha tannulla d-decizjoni u tibghat lura l-atti lill-Bord, u l-Bord limitatament jikkoregi l-izball maghmul u mhux jerga' jidhol fil-mertu. Wara li dan ikun ikkorega l-izball, l-atti jergghu jintbaghtu lura quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeciedi fuq l-aggravji kollha. Certament illi l-Kummissjoni appellata m'ghandhiex tehel bl-ebda mill-ispejjez ta' dan.

Illi preliminarjament jigi sottomess illi dan l-appell mhuwiex qed isir minn punt ta' ligi kif jirrikjedi l-**artikolu 15 (2) ta' l-Att dwar l-Izvilupp ta' l-Ippjanar** li jghid hekk:

*"Id-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord li minnhom ikun hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Nferjuri)."*

Illi dan kien konfermat diversi drabi b'sentenzi ta' dina l-Onorabbli Qorti, fosthom fis-sentenza **"Emmanuel Mifsud vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** – deciza fil-31 ta' Mejju 1996, fejn gie spjegat illi:-

*"Din il-Qorti tista' tirrevedi biss kwistjonijiet dwar punti ta' dritt decizi mill-Bord. Dan ifisser li m'hemmx appelli fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi … Biex appell ikun ammissibbli, il-kwistjoni trid tkun necessarjament dwar kwistjoni ta' dritt, li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun giet diskussa u elucidata fil-motivazzjoni u li tkun giet difinita fid-decizjoni appellata."*

Illi f'dan il-kuntest issir ukoll referenza ghal numru ta' decizjonijiet moghtija recentement fuq id-distinzjoni bejn punt ta' fatt u punt ta' dritt u senjatament **"Frans Cuschieri vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"**, **"Santino Gauci vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"**, u **"Salvu Sciberras vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** ilkoll decizi minn dina l-Onorabbli Qorti fl-24 ta' Marzu 2003.

Illi dan qed jinghad ghaliex it-tieni aggravju ta' l-appellanti huwa rigward valutazzjoni ta' provi u fatti mressqa quddiem l-istess Bord ta' l-Appelli. Li certament ma jinkwadrawx ruhhom f'punti ta' dritt decizi mill-Bord li

minnhom jista' jigi nterpost appell quddiem dina l-Onorabbli Qorti. Illi *oltre* dan, il-Bord ta' l-Appelli ghandu s-setgha li fost l-ohrajn jirrevoka permess, u fil-fatt l-istess Bord hekk ghamel.

Illi in vista tal-premess, l-esponenti filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gja' prodotti partikolarment id-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell datata 31 t'Ottubru 2003 u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi mill-Ligi, titlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha filwaqt li tichad l-appell interpost mill-appellant Mario Fenech, tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fil-31 t'Ottubru 2003, bl-ispejjez kontra l-istess appellanti.

Rat il-verbali tas-seduti tal-25 ta' Novembru 2004; tal-5 ta' Mejju 2005; u tal-15 ta' Novembru 2005 fejn fuq talba ta' Dr. Ivan Gatt ghall-appellant, il-Qorti pprefiggiet terminu ta' erbghin gurnata lill-appellant Mario Fenech biex jipprezenta nota t'osservazzjonijiet bil-visto / notifika lid-difensuri tal-kontro-parti li jkollhom l-istess terminu ghan-noti responsivi taghhom. Id-difensuri prezenti taw ruhhom b'notifikati bir-risposta ta' l-appellant Anthony Galea. L-appell gie differit ghal sentenza in difett ostakolu ghas-27 t'April 2006.

Rat in-nota t'osservazzjonijiet ta' l-appellant datata 22 ta' Novembru 2005.

Rat ir-rikors ta' l-appellat Anthony Galea tat-23 ta' Frar 2006 fejn talab li jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet.

Rat il-*visto* tal-kontro-parti u ghalhekk laqghet it-talba.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-appellat Anthony Galea.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi f'dan il-kaz l-appell sar mill-appellant Mario Fenech u dan dwar decizjoni li nghatat mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fil-31 ta' Ottubru 2003, fejn fir-rigward ta' applikazzjoni sabiex jinhareg permess ghal dak li l-appellant sejjah bhala *"sanctioning"* ta' struttura ezistenti fil-fond "Mirabeaux", Triq Patrick Brydone, San Giljan, fuq appell mressaq mit-terz Anthony Galea quddiem l-istess Bord, il-permess orriginarjament moghti mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp dwar l-istess struttura li kien hemm fis-*site curtilage* tal-fond indikat, liema permess ghandu d-data tal-14 ta' Novembru 2001, gie bid-decizjoni ta' l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar revokat u ghalhekk il-permess hekk datat Numru 406/01 ma baqax aktar japplika. Fil-fatt l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar sostna li l-istruttura mertu ta' l-istess proceduri ma kenitx tikkwalifika bhala garaxx, li hija l-unika tip ta' bini permessa li tista' ssir f'*site curtilage* skond Policy DC1/88.

Illi l-ewwel aggravju ta' l-appellant odjern hija fis-sens li tali decizjoni tal-Bord ta' l-Appell hija nulla u bla effett *stante* li l-permess originali kien inhareg f'isem is-socjeta' Marbeaux Holding Limited fl-14 ta' Novembru 2001, u ghalhekk l-istess decizjoni ladarba nghata biss fil-konfront ta' Martin Fenech hija nulla u in verita' inesegwibbli.

Illi l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp fir-risposta taghha mhijiex qed tikkontesta li l-permess kien inhareg favur l-istess socjeta' ndikata fir-rikors ta' l-appell odjern u ghalhekk mhux f'isem Mario Fenech personalment, izda sostniet li dan huwa biss zball u li dan l-izball jista' jigi rrangat minn din il-Qorti skond l-**artikolu 175 tal-Kap. 12** kemm-il darba jkun hemm qbil bejn il-kontendenti li dan jista' jsir minn din il-Qorti. Dan anke ghaliex fid-decizjoni ndikata dejjem kien hemm referenza ghall-istess persuna u cjoe' l-appellant odjern, differentement ghal dak li l-istess Awtorita' tallega li sehh fis-sentenza **"Joseph Sant vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.C. 23 ta' April 2001).

Illi pero' din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni mressqa mill-Awtorita' appellata li hija din il-Qorti li ghandha tordna

li ssir korrezzjoni. Dan ghar-ragunijiet segwenti: Fl-ewwel lok issir referenza ghal diversi sentenzi li trattaw mertu simili ghall-appell odjern fejn ukoll saru zbalji fl-okkju tas-sentenzi.

Illi fis-sentenza **“Elisa *sive* Alice Cachia et vs Avukat Dr. Dunstan G. Bellanti et noe”** (P.A. 26 ta’ Gunju 1957) fejn intqal hekk :-

*“Ghalhekk ma hemmx dubju li fl-istess kawza l-isem ta’ wahda mill-partijiet kien zbaljat; u s-sentenza li fiha l-indikazzjoni tal-isem ta’ wahda mill-partijiet zbaljata fl-identita’ ta’ dik il-persuna ndikata hazin hi nulla (Vol. XXXVI-I-200).”*

Illi l-istess fis-sentenza **“Alexander Victor Baldacchino vs Henry Albert Pace noe”** (P.A. 10 ta’ Dicembru 1963):-

*“… illi gie ripetutament deciz mill-Qorti taghna illi zball fl-isem jew il-kunjom ta’ xi hadd mill-partijiet jimporta n-nullita’ ta’ l-atti u tas-sentenza relattiva, sakemm ma jkunx hemm korrezzjoni mill-istess Qorti li tkun emanat dik is-sentenza.”*

Illi mbaghad fis-sentenza **“Joseph Busuttil vs Avukat Dottor John Mamo noe”** (A.C. 28 ta’ Frar 1997) fejn l-izball kien jikkonsisti fl-isem ta’ l-attur, l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell ikkonkludiet :-

*“Dan hu zball ta’ sustanza li l-Qorti ta’ l-Appell necessarjament trid tissollevah ex officio in kwantu hu bl-okkju tas-sentenza li l-partijiet jigu identifikati u huma d-drittijiet u l-obbligi ta’ <u>dawk</u> il-partijiet – persuni kontendenti fil-kawza – li jkunu qed jigu determinati fis-sentenza appellata. Is-sentenza taghmel stat u torbot lil dawk il-persuni u huwa car li jekk dawn ma jkunux sewwa identifikati dik ir-rabta ma tirrizultax effikaci fil-ligi. L-izball allura jehtieg li jigi rettifikat;*

*Issa gie ritenut minn din il-Qorti, fil-kawza **“Avukat Dottor Stephen Thake nomine vs Fabian Saliba”** deciza fl-4 ta’ Mejju 1994 (Vol. LXXVII, pt.II, p.133) li :*

*"… din il-Qorti fit-termini ta' l-artikolu 175 tal-Kap.12 ghandha l-fakolta' li tikkoregi kull zball li jirrizulta f'kull att li jigi pprezentat <u>wara</u> s-sentenza ta' l-ewwel istanzi imma din il-fakolta' ma testendix sas-sentenza li tkun appellata quddiemha" (Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell deciza fis-7 ta' Dicembru 1990 fl-ismijiet **"Melita Sciberras vs Gordon B. Tolputt"** u s-sentenza fl-ismijiet **"Anthony Mizzi vs Gertie Bugeja"** ukoll deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Marzu 1994). Is-sitwazzjoni ma jidhirx li tbiddlet bl-emendi li saru fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili bl-Att XXIV ta' l-1995; is-subinciz 2 ta' l-artikolu 175 l nfatti ma jirrizultax b'xi mod emendat. Il-Qorti ta' l-Appell allura ma tistax tikkoregi l-ismijiet tal-partijiet li jidhru zbaljatament fl-okkju tas-sentenza appellata ghax ghandha tqis li dik is-sentenza nghatat kontra persuna jew persuni li ma kinux parti fil-kawza bhala attur jew konvenut. Hi biss il-Qorti li ppronunzjat is-sentenza li tista' taghmel ir-rettifika opportuna ghaliex is-sentenza appellata taghmel biss stat fil-konfront ta' dawk il-persuni li hi tiddikjara fl-okkju taghha li huma l-partijiet in kawza. U una volta dawk il-partijiet ma kinux ghal dawk li agixxew bhala atturi jew ghal dawk li gew citati biex jiddefenduha bhala konvenuti jew mod iehor, dik is-sentenza hi sostanzjalment difettuza u ghandha tigi annullata."*

Illi fis-sentenza **"Joseph Sant vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (Onorabbli Qorti ta' l-Appell Civili, Cit. Nru 344A/98 - 23 ta' April 2001). Hemm l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell irreferiet ghas-sentenzija moghtija fl-14 ta' April 1997, fil-kawza **"Louise Ann Sultana vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp u l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** fejn kien gie rrimarkat hekk :-

*"Dan huwa zball ta' sustanza billi hu bl-okkju tad-decizjoni li l-partijiet jigu effettivament identifikati. Hu proprju fil-konfront ta' dawk il-partijiet hekk identifikati li d-decizjoni tistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi rispettivi ta' l-istess partijiet fil-kuntest tal-litigazzjoni bejniethom. Id-decizjoni torbot lil dawk il-partijiet kif identifikati fl-okkju u jekk il-partijiet ma jkunux jirrizultaw li gew korrettement*

*identifikati, allura l-awtorita' tal-gudikat tisfuma fix-xejn. Ma hemmx dubju li dana l-izball sar bi zvista u li huwa possibbli li jigi rettifikat."*

*"Illi jigi rilevat li fir-rikors mertu tal-vertenza odjerna l-kwistjoni hija li s-sentenza nghatat apparti kontra l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp kontra certu Paul Baldacchino meta dan ma kellu x'jaqsam xejn mal-kwistjoni li kellu quddiemu l-Bord. F'termini legali hemm differenza sostanzjali billi hawn si tratta ta' ndividwu kompletament differenti u kwindi l-ommissjoni li saret min-naha tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar mhix sempliciment xi dettal marginali izda huwa partikularita' ta' sustanza.*

Illi fil-fatt dan il-punt gie wkoll deciz minn din il-Qorti kif presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **"Catherine Ripard vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u Paul Baldacchino"** (A.I. C. (RCP) – 18ta' Novembru 2004) fejn saret referenza ghall-**artikolu 175 (2) tal-Kap. 12** li jghid hekk :-

*"(2) Kull Qorti fi grad ta' appell tista' wkoll tordna jew tippermetti, f'kull zmien sas-sentenza, li jissewwa kull zball fir-rikors li bihom tkun tressaq l-appell jew fit-twegiba, kif ukoll zball fl-isem tal-Qorti li tkun tat is-sentenza appellata, jew f'dak tal-partijiet, jew fil-kwalita' li fiha huma jidhru, jew fid-data tas-sentenza appellata.*

*(3) Il-Qorti tista' sa dakinhar li taghti s-sentenza u taqta' l-kawza, tordna minn jeddha li tissewwa kull ommissjoni jew zball gudizzjarju jew amministrattiv f'att gudizzjarju."*

Illi ghalhekk tqum id-diffikulta' jekk il-fakolta' li ghandha din il-Qorti li tikkoregi isem tal-partijiet f'sentenza appellata moghtija mill-Qorti, testendix ukoll ghal decizjoni moghtija minn tribunal kwazi gudizzjarju bhalma huwa l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar.

Illi fis-sentenza **"Joseph Zammit vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** (A.I.C. (RCP) – 26 ta' Ottubru 2004) inghad li din il-kwistjoni m'hemmx il-

htiega li tigi nvestigata u deciza f'dan il-kaz, ghaliex, fi kwalunkwe kaz, din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha s-setgha li tilqa' t-talba ghall-korrezzjoni mitluba almenu mill-Awtorita' appellata.  F'dik is-sentenza inghad *li dan kien qed jinghad ghaliex l-izball li sar fid-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar tbiddel ghal kollox wiehed mill-partijiet li huma soggetti ghall-istess decizjoni, u tali zball jaffettwa s-sustanza tad-decizjoni nnifisha u jista' jigi korrett mill-istess Tribunal jew Qorti li taw id-decizjoni originali."*

Illi fl-istess sentenzi citati anke ta' din il-Qorti johrog car li l-provvedimenti ta' l-**artikolu 175 (2) tal-Kap. 12** jirreferu ghal zball ta' forma jew dattilografu li ma jbiddilx is-sostanza tad-decizjoni  mill-Qorti ta' Prim' Istanza (u *se mai* ta' kwalunkwe organu iehor), u mhux ghal zbalji li jolqtu direttament is-sostanza u l-mertu tal-kawza proprja, u f'dan il-kaz d-decizjoni stess ta' l-imsemmi Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar u fil-fatt dan huwa l-mertu ta' l-appell odjern.

Illi fil-fatt din il-Qorti thoss li la darba mhux kontestat li l-permess indikat datat 14 ta' Novembru 2001 li dwaru kien sar appell quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar mit-terz Anthony Galea, l-appellat odjern, kien hareg fuq is-socjeta' Marbeaux Holding Limited, mela allura m'hemm l-ebda dubju li l-istess socjeta' kellha kun parti fil-proceduri quddiem l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, u certament li l-appellant odjern Mario Fenech, ghalkemm direttur ta' l-istess socjeta', u anke jista' jkun u jaghti l-kaz li huwa wkoll rapprezentanti ta' l-istess, certament ma huwiex l-istess persuna bhas-socjeta' msemmija, li skond il-ligi taghna ghandha personalita' legali distinta mill-azzjonisti taghha.  Ma hemm l-ebda dubju wkoll li kull decizjoni li tista' taffetwa l-hrug ta' permess, jew ir-revoka ta' permess li nhareg fuq l-istess socjeta' ghandha tinvolvi l-istess socjeta' sabiex tkun effettiva, u certament dan huwa zball li jannulla ghal kollox il-proceduri kollha li saru quddiem l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, inkluz allura d-decizjoni ta' l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar tal-31 ta' Ottubru 2003.

Illi kif inghad fis-sentenzi fuq citati dan l-izball in kwistjoni jbiddel ghal kollox l-identita' tal-persuna u l-effetti kollha ta' l-ordnijiet mahruga mill-Awtorita' nnifisha, u certament huwa logiku li decizjoni ta' hrug jew revoka ta' permess ghandha tirreferi u tinkludi lill-applikant li f'dan il-kaz kienet is-socjeta' msemmija, li mkien ma hija ndikata fl-okkju tal-kawza u l-anqas fil-proceduri quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, ghalkemm hadd mill-partijiet illum lanqas ma jikkontesta dan l-istat ta' fatt li l-permess suggett ta' dawn il-proceduri kien mahrug favur l-istess socjeta', li anke skond skrittura privata redatta minn Nutar Tonio Cachia datata 7 ta' Gunju 1996 u esebita mill-appellant odjern quddiem l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2002, jidher car li l-istess socjeta' hija proprjetarja tas-sit in kwistjoni u fuq kollox dan kien a konoxxenza tat-terz appellat Anthony Galea ghaliex l-istess skrittura saret mieghu.

Illi tali korrezzjoni ma tistax u m'ghandhiex issir hlief mill-istess Qorti jew tribunal jew organu li jkun ta l-istess decizjoni, aktar u aktar meta hemm dan il-konflitt bejn l-istess partijiet.

Illi f'dan il-kuntest ma hemm l-ebda dubju li kontrarjament ghal dak li nghad mill-appellat l-iehor Anthony Galea, dan huwa punt ta' dritt peress li l-identita' tal-persuni li applikaw ghall-izvilupp u tal-persuni nvoluti fl-istess proceduri jaffettwa sinfikatament ir-regolarita' ta' l-istess proceduri. Ma hemm ebda dubju li f'dan il-kaz, ghalkemm il-ligi llum tammetti l-appell ta' terz, il-persuna li favur taghha kien hareg il-permess ghandha u kellha tkun involuta fl-istess procedura, haga li jidher li ma saritx tant li kif sewwa nnota l-istess appellant fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu mill-atti kollha ndikati l-istess socjeta' li ghandha l-permess ta' zvilupp f'isimha lanqas biss kienet involuta fl-istess procedura kollha quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar u dan irendi l-istess procedura kollha quddiem l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar nulla u bla effett.

Illi in vista ta' dan ma hemmx bzonn li din il-Qorti tidhol fl-aggravji l-ohra ta' l-appellant ghaliex a bazi ta' dak hawn

deciz l-istess decizjoni hija nulla u bla effett skond l-ewwel aggravju hawn avvanzat mill-appellant odjern. Din il-Qorti tinnota wkoll li s-sentenza ta' l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, almenu fil-kopja esebita mill-istess appellanti tirreferi ghall-permess mahrug *"fl-14 ta' Novembru 2002"* – u fil-fatt hekk giet citata fit-tielet paragrafu ta' l-ewwel pagna tar-rikors ta' l-appell ta' l-appellant Mario Fenech, tant li jghid *"iddecieda billi jirrevoka l-permess mahrug mid-DCC "fl-14 ta' Novembru 2002 lil Mario Fenech"* (sottolinear tal-Qorti) ghalkemm ma hemm l-ebda dubju li tali permess li eventwalment wassal ghall-appell quddiem il-Bord ta' l-Appell kien dak datat 14 ta' Novembru 2001 u hekk imsemmi fl-atti kollha processwali ta' l-istess Awtorita' ghall-appell quddiem l-imsemmi Bord, inkluz l-ewwel paragrafu tas-sentenza stess ta' l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar datata 31 ta' Ottubru 2003, kif jidher minn fol. 4 ta' dan il-process.

Illi ghalhekk ghar-ragunijiet fuq imsemmija din il-Qorti tilqa' l-ewwel aggravju ta' l-appellant Mario Fenech u ghalhekk tiddikjara n-nullita' tas-sentenza moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar u tirrinvija l-atti quddiem l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar sabiex l-istess kaz jigi deciz mill-gdid mill-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fid-dawl ta' dak hawn deciz anke fil-konfront tas-socjeta' ndikata.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-Awtorita' appellata fir-risposta taghha datata 10 ta' Gunju 2004 u l-eccezzjonijiet kollha mressqa mill-appellat Anthony Galea, **tilqa' l-ewwel aggravju ta' l-appell interpost mill-appellant Mario Fenech** fir-rikors ta' l-appell tieghu datat 13 ta' Novembru 2003 u b'hekk thassar u tirrevoka d-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar datata 31 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet **"Anthony Galea vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp u Mario Fenech",** u b'hekk tirrimetti u tirrinvija l-kaz lura lill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar sabiex l-istess

kaz jigi deciz mill-istess Bord mill-gdid skond il-ligi fid-dawl ta’ din id-decizjoni .

Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha ta’ dan l-appell.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------